MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Numru. 397/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:
Daniel Borg ta` 27 sena, bin Norman u Carmen nee Farrugia, mwieled Pieta nhar it-28 ta` Mejju 1985, Resident gewwa 68, Astra, Triq iz-Zerniq, Birkirkara u detentur tal-karta ta` identita bin-numru 288185M;

Talli;

Bejn Mejju 2011 u Marzu 2013 gewwa Tas-Sliema, San Giljan, Valleta u gewwa dawn il-Gzejjer:

1) Ikkommetta serq minn diversi hwienet tal-kumpanija Mexx Malta Ltd, ghad dannu tas-sidien u d-

diretturi tal-istess kumpanija, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) bil-persuna u bil-hin.
Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, bl-istess ammissjoni bikrija tal-imputat;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tieghu, il-Qorti qed issib l-imputat hati li kien seraq lis-sid tax-xoghol tieghu, Mexx ltd, fuq perijodu ta' diversi xhur. Dan hu kollu ammess anke fl-istqarrija tal-istess imputat. Il-valur totali tal-oggetti misruqa kien addirittura ta' madwar tmiena w ghoxrin elf u hames mitt Ewro (€28,500). Sa ma nbdew dawn il-proceduri, l-imputat hallas somma ta' ghoxrin elf Ewro, u ghalhekk illum fadallu jaghti tmint elef u hames mitt Ewro. Jirrizulta wkoll li l-partijiet bejniethom qablu fuq modalita' ta' hlas ghal dan l-ammont, liema ftehim hu regolat fil-kamp civili bejniethom. Ghalhekk il-Qorti sejra biss taghti ordni ta' hlas f'dan l-ammont minghajr ma taghti terminu, peress illi gia' jezisti ftehim bejniethom f'dan is-sens kif gia' intqal.

Kwantu ghall-piena, il-partijiet ftehemu wkoll li sanzjoni fil-komunita' tkun adegwata ghal dan il-kaz. Il-Prosekuzzjoni qablet ukoll ma' din is-sottomissjoni u ghalhekk il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha taghti piena differenti, ghalkemm hi konxja li r-reat ta' serq hu kwalifikat bil-persuna u hemm ir-reat kontinwat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268, 270 u 18 tal-Kap 9 Tal-Ligijiet ta` Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kotnra tieghu u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin millum, a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inoltre, din il-Qorti qieghda wkoll tapplika l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446, u tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ tmient elef u hames mitt euro (8,500€) lill-parte civile, liema ammont huwa dovut bhala dejn civili skond il-ligi.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------